"Hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar"
(*Ġw* 13,1) [1]

Taf fejn jinsab dan il-kliem fil-Vanġelu? Kitbu San Ġwann l-Evanġelista, u seħħ qabel ma Ġesù beda jħejji ruħu biex jaħsel saqajn l-appostli u jmur għall-passjoni. Fl-aħħar mumenti li għex magħhom, Ġesù bl-aktar mod qawwi u preċiż wera l-imħabba li kellu għalihom sa minn dejjem.

"Hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar".

Il-kliem "għall-aħħar" ifisser: sa tmiem ħajtu, sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Imma fih insibu wkoll l-idea tal-perfezzjoni. Dan il-kliem ifisser: ħabbhom b'mod sħiħ, b'qawwa kbira, ħabbhom sal-aħħar. Id-dixxipli ta' Ġesù kienu se jibqgħu fid-dinja, filwaqt li Ġesù kien se jmur fil-glorja. Huma kienu se jħossuhom waħedhom, riedu jegħlbu ħafna provi. Propju f'dawk il-mumenti, Ġesù ried li huma jkunu ċerti minn imħabbtu.

"Hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar".

Ma tħossx li f'dan il-kliem hemm l-istil tal-ħajja ta' Kristu, il-mod kif huwa jħobb? Ħasel saqajn l-appostli. Imħabbtu wasslitu biex jaqdihom b'dan il-mod li, f'dawk iż-żmenijiet, kien xogħol l-ilsira. Ġesù kien qed iħejji ruħu għat-tragedja tal-Kalvarju biex lil "dawk li kienu tiegħu" u lil kulħadd, barra mill-kliem straordinarju tiegħu, barra mill-mirakli nfushom, barra minn dak kollu li għamel, jagħtihom ħajtu wkoll. Huma kienu jeħtiġuha, dan hu l-ikbar bżonn li għandu kull bniedem: li jinħeles mid-dnub, li jfisser jinħeles mill-mewt, u b'hekk jidħol fis-saltna tas-smewwiet. L-appostli kellhom jiksbu paċi u ferħ fil-Ħajja li ma tintemm qatt. Ġesù offra lilu nnifsu sal-mewt, sa ma għajjat l-għajta tal-abbandun tiegħu mill-Missier, sa ma fl-aħħar seta' jgħid: "kollox mitmum".

"Hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar".

F'dan il-kliem insibu l-perseveranza tal-imħabba ta'Alla u l-għożża tal-imħabba ta' ħuna. U aħna l-insara wkoll nistgħu nħobbu b'dan il-mod għax Kristu jinsab fina.
Iżda jien ma rridx inħajrek timita lil Ġesù fil-mewt tiegħu (meta kienet waslet is-siegħa tiegħu) għall-oħrajn: ma rridx noffrilek bħala mudelli lil Patri Kolbe li miet minflok wieħed mill-priġunieri li kien hemm miegħu, lanqas lil Patri Damjan li, wara li ħa l-lebbra mingħand il-lebbrużi, miet magħhom u għalihom. Għandu mnejn li matul is-snin, inti qatt ma se tintalab tagħti ħajtek għal ħutek. Iżda dak li żgur Alla jitlob minnek hu li tħobbhom bi sħiħ, sal-aħħar, sa ma inti wkoll tkun tista' tgħid: "kollox mitmum".

Referenzi:

1) Kelma tal-Ħajja, April 1979, ippubblikata fuq *Essere la Tua Parola*, Chiara *Lubich e cristiani di tutto il mondo*, vol. I, Città Nuova, Ruma 1980, pp. 203-206.

Hekk għamlet Cetti, tifla ta' ħdax-il sena li toqgħod ġo belt Taljana. Darba rat lill-ħabiba tagħha Giorgina, tal-istess età tagħha, imdejqa ħafna. Xtaqet issabbarha, imma ma rnexxilhiex. Għalhekk riedet tkun taf xi ġralha u minn fejn kien ġej dak id-dwejjaq tagħha. Wara li mitilha missierha, ommha ħallietha waħedha man-nanna u marret tgħix ma' raġel ieħor. Cetti ndunat b'din it-traġedja u bdiet tara x'tista' tagħmel. Avolja żgħira, talbet lil seħbitha biex tħalliha tkellem lil ommha. Imma l-ewwel Giorgina talbitha biex tmur magħha fuq qabar missierha. B'imħabba kbira, Cetti marret magħha u semgħet lil Giorgina tolfoq u titlob lil missierha biex jiġi jeħodha.

Cetti ħasset qalbha se tinqasam. Hemm fil-qrib kien hemm knisja żgħira qed tiġġarraf ftit ftit. Daħlu. Kien għad fadal biss tabernaklu żgħir u Kurċifiss. Cetti qaltilha: "Ara, f'din id-dinja kollox għad jintemm, imma dak il-Kurċifiss u dak it-tabernaklu għad jibqgħu għal dejjem!". Giorgina, hi u timsaħ id-dmugħ, qaltilha: "Iva, sewwa qed tgħid!". Imbagħad, bil-ħlewwa kollha, Cetti qabdet lil Giorgina minn idha u wasslitha għand ommha.

Kif waslet, bla tlaqliq ta' xejn qaltilha hekk: "Ara, sinjura, dawn mhumiex affarijiet tiegħi; imma jiena ngħidlek li inti ħallejt lil bintek nieqsa mill-imħabba ta' omm, li hi tant teħtieġ. U ngħidlek ukoll xi ħaġ'oħra: li inti qatt ma se jkollok paċi sa ma teħodha lura għandek u tindem minn dak li għamilt".

B'imħabba kbira, l-għada Cetti għamlet il-qalb lil Giorgina meta ltaqgħet magħha l-iskola. Imma mbagħad ġrat xi ħaġa ġdida: mara b'karozza ġiet biex tieħu lil Giorgina d-dar: kienet ommha. U minn dak in-nhar ommha baqgħet tmur għaliha bil-karozza, għax issa Giorgina kienet tgħix magħha. Ommha warrbet darba għal dejjem il-ħbiberija li kellha ma' dak ir-raġel.

Fuq dak li għamlet Cetti nistgħu ngħidu: "kollox mitmum". Kollox għamlet sew. Sal-aħħar. U rnexxielha. Aħseb ftit: kemm-il darba bdejt tieħu ħsieb xi ħadd u wara tlaqtu għal riħu, u sibt elf skuża biex issikket il-kuxjenza tiegħek? Kemm bdejt tagħmel affarijiet b'entużjażmu u mbagħad waqaft quddiem diffikultajiet li ħsibt li jaqbżu l-forzi tiegħek?...

Il-lezzjoni li llum Ġesù qed jagħtik hi din:

"Hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar".

Hekk agħmel.
U jekk jiġi jum li fih Alla jitolbok bis-serjetà li tħalli ħajtek għalih, toqgħodx taħsibha darbtejn. Il-martri kienu jmorru jkantaw għall-martirju. U l-premju għad ikun l-akbar glorja, għax Ġesù qal li ħadd fid-dinja ma għandu mħabba akbar minn min ixerred demmu għal ħbiebu.

Chiara Lubich